MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-18 ta' April, 2007

Numru. 65/2005

PULIZIJA
SPETTUR MARIO TONNA
VS
JONATHAN COLEIRO

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Jonathan Coleiro, ta’ 20 sena, imwieled il-Pieta’ nhar it-23 ta’ Novembru 1984, bin missier mhux maghruf u Mary Coleiro, u residenti 48, Fuq Verdala, Cospicua, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 10685(M), u akkuzat talli:
Nhar it-22 ta’ Jannar 2005, ghal bejn 12.00pm u 1.00pm, minn gewwa l-fond kummercjali maghruf bhala Arkadia, li jinsab gewwa Triq il-Knisja, Paceville, San Giljan, ikkommetta serq ta’ fliexken ta’ xorb alkoholiku, ghad-dannu ta’ Arkadia Co Ltd, liema serq ma jeccedix il-hamsin Lira Maltin (Lm50), izda huwa aggravat bil-mezz u bil-lok, u dan ai termini tal-Artikoli 261, 263 u 269(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli nhar l-24 ta’ Jannar 2005, ghal habta ta’ 2.00pm, minn gewwa l-fond kummercjali maghruf bhala Arkadia, li jinsab gewwa Triq il-Knisja, Paceville, San Giljan, ikkommetta serq ta’ fliexken ta’ xorb alkoholiku ghad-dannu ta’ Arkadia Co Ltd, liema serq ma jeccedix il-hamsin Lira Maltin (Lm50), izda huwa aggravat bil-mezz u bil-lok, u dan ai termini tal-Artikoli 261, 263 u 269(d) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli bejn it-22 ta’ Jannar 2005, u fl-24 ta’ Jannar 2005, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew b’kull mod indahal sabiex imexxihom jew ibieghhom, u dan ai termini tal-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba titratta ma’ Jonathan Coleiro bhala ricediv, u dan ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, wara li kien instab hati li kkommetta diversi reati mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta u l-Qorti tal-Appelli Kriminali, liema sentenzi saru definittivi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 28) u tal-imputat (a fol 22) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 48).

Semghet il-konferma ta’ tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikoli 261, 263, 269(d), 49, 50, 28A u 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundannah ghal sittax-il xahar prigunerija sospizi ghal

tlett snin. In oltre tqiegħed lill-imputat taħt 'supervision suspended order', għal perjodu ta' tlett snin, taħt is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer ieħor minnu nominat. In oltre, din il-Qorti tqiegħed lill-imputat taħt 'treatment order' għal perjodu ta' tlett snin fi ħdan l-Agenzija Sedqa, u dan sabiex isegwi u jispicca sal-finalita' tiegħu, il-program ta' rijabilitazzjoni kontra d-droga, illi huwa beda ma' l-istess Agenzija.

In vista ta' dan, din il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tingħata lid-Direttur tal-Probation Services u l-Agenzija Sedqa.

Din il-piena qed tingħata wara li l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-fatti speci kollha tal-kaz, inkluz il-fatt illi l-quantum tar-res furtiva hija minima, u cioe', erba' fliexken tax-xorb alkoholiku, u in vista tal-fatt illi l-imputat qiegħed fi program ta' rijabilitazzjoni kontra d-droga, u l-progress tiegħu jidher wieħed sodifacenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------